Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IT-TMIEN LEĠISLATURA
## Laqgħa Numru 19
## It-Tlieta 24 ta'Novembru 2020

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier (Harget fis-7:30 pm)
Emanuel Brincat : Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Romina Galea : Viċi Sindku (Skuzata)

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

19.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda ittra ta' apoloġija tas-Sinjura Romina Galea.
Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta'apoloġija

### 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

19.2.01 Il-Minuti ta’Seduta L8-18 ittieħdu bħala moqrija.

Il-minuti ġew approvati unanimament.

**19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

19.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-laqgħa li saret fil-kunsill mas-Supritendent tal-pulizija fejn ġew diskussi diversi suġġetti fosthom problemi fil-lokalita , rapporti , *Bye laws* u komunikazzjoni. Preżenti wkoll għal-laqgħa kien hemm is-Sinjuri Charles Selvaggi , Emanuel Brincat , Alfred Farrugia, Nicholas Chircop u s-Segretarju Eżekuttiv.

19.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti dwar il-promozzjoni nazzjonali għall-konservazzjoni tal-ilma li dawn se jkunu go Misraħ 5 ta'Ottubru l-Imsida għall tlett t’ijiem bejn il-Ġimgħa 4 u il-Ħadd 6 ta'Diċembru

19.3.03 B'referenza għall-minuti 15.4.05, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li l-Bye Law għall projbizzjoni ta'konsum ta'alkoħol fit-toroq tal-Imsida ġiet pubblikata fil-gazzetta tal-Gvern. Għalhekk l-avviżi ġew mqassma ġol-ħwienet li jbiegħu kull tip ta'xarba alkoħolika biex tkun murija go post prominenti fl-stabbiliment.

19.3.04 Is-Sur Alfred Farrugia talab li tkun sospiża is-seduta u ppropona biex tkun osservata minuta ta’kwiet b'rispett għal- memorja tas-Sindku ta' Hal-Qormi, is-Sur Renald Falzon li għadda għal-hajja eterna nhar it-13 ta'Novembru.

Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**19.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

19.4.01 B'referenza għall-minuti 18.3.01, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li bdew il-korsijiet b'xejn għar-residenti minn Happy Parenting Malta

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa kemm qed jkun hemm attendenza.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li qed jkun hemm bejn 3 jew 4 għall kull sessjoni ta' tlett sigħat, minhabba l-mizuri tal-Covid-19.

19.4.02 B'referenza għall-minuti 18.3.02, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li ġew innominati ħames sportivi lokali biex ssir riċerka fuqhom mill-istudenti.
Is-Sur Nicholas Chircop tkellem u ta'dettalji ta'dawk nominati.

19.4.03 B'referenza għall-minuti 18.3.03, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li l-aġenzija li toffri servizzi ta'impjegati barranin bagħtet lista b'impjegati u x'tip ta'xogħol jistgħu jagħmlu li fit-total tagħhom huwa xogħol relatat ma’ tindif.

19.4.04 B'referenza għall-minuti 18.3.05, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-Ministeru għat-Turiżmu bgħat lista b'għażla ta'siġar biex il-kunsill jindika x'għandu bżonn.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa fejn dawn se jkunu mħawwla.

Is-Sur Alfred Farrugia wieġeb li kkonsulta mal-ġardinar u għamel l-għażla skond dak disponibbli fil-lista għall dak li hemm bżonn go zoni differenti fl-Imsida u s-Swatar u li din ġa bagħtu lis-Segretarju Eżekuttiv li kkonferma li għaddiha mal-ewwel lill-Ministeru għat-Turiżmu.

19.4.05 B'referenza għall-minuti 18.3.07 is-Sur Jean Claude Borg għarraf lill- kunsilliera preżenti li kien hemm progress fuq ix-xogħol tal-pedestall għal-monument ta' San Guzepp li fil-mument hemm tmien filati lesti.

19.4.06 B'referenza għall-minuti 18.4.01 dwar l-skema SPI/SCI/3/2020 ,Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li l-kunsill applika b'rakkomandazzjonijiet deskritti għall proġett Slow Streets.

19.4.07 B'referenza għall-minuti 18.4.02 , dwar tisbiħ u aċċess għall- pubbliku fiz-zona fejn qed ssir l-afforestazzjoni ,Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li saret laqgħa mal-perit dwar alternattiva għal-istruttura proposta u l-istima tax-xogħolijiet.

19.4.08 B'referenza għall-minuti 18.4.03 dwar Triq Achille Ferris , Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li sal-ġurnata ma'kienx hemm risposta mill-kumpanija ta'periti nkarigati mis-sidien.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet biex il-kunsill jerġa jikteb għax mhux sew li dawn lanqas biss jibgħatu tweġiba. Is-Sur Emanuel Brincat s-sekonda u ssuġġerixxa ittra oħra lir-residenti biex ikunu mgħarrfa li l-kunsill mhux qed jorqod fuq din is-sitwazzjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u ta'parir li l.M tkun wkoll inkluża ħalli wkoll jagħmlu pressjoni fuq is-sidien.
Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

19.4.09 B'referenza għall-minuti 18.4.04,Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera saret applikazzjoni għall-installazzjoni ta’ miżuri ta’ protezzjoni got-toroq u reklamar flok dawk li ġew żarmati.

19.4.10 B'referenza għall-minuti 18.4.05, dwar il-proġett tad-drenaġġ go Triq Xatt ta' Xbiex, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li x-xogħol għadu għaddej u se javvanza għall-parti li jmiss. Filwaqt li l-kunsill jinsab wkoll nfurmat li minħabba *cable* li ma jistax jintmess u li qed jikkawża ftit dewmien.

19.4.11 B'referenza għall-minuti 18.4.06 dwar ċifri fuq ċitazzjonijiet li saru fuq skart, is-sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm aġġornament.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għalkemm jaf li matul dan il-perjodu saru numru ta' ċitazzjonijiet, sal-ġurnata ma'kienx hemm aġġornament ta' ċifri uffiċjali.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-kunsilliera preżenti li nbidel l-uffiċjal tal-LESA inkarigat b'Regjun Ċentru li kellu laqgħa ta'introduzzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv dwar metodi ta'komunikazzjoni u kollaborazzjoni aħjar filwaqt li kien hemm laqgħa oħra mal-Kap Eżekuttiv għall-LESA li attenda wkoll is-Segretarju Eżekuttiv. Hawn kompliet tispjega li waqt il-laqgħa ġew diskussi limitazzjonijiet fid-distrubuzzjoni ta'riżorsi , numru ta'abbużi fosthom l-skart , proċeduri biex jiġu żgumbrati vetturi abbandunati u *traffic management* jew rapporti relatata ma permessi għal-makkinarju ta' kostruzzjoni fost oħrajn.

19.4.12 B'referenza għall-minuti 18-4-12, l-apparat għall-arja kundizzjonata fil-*bord room* u l-uffiċju tas- Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li għall mument dan ma'jistax jeħel minħabba prekawzjoni obbligatorja.

19.4.13 B'referenza għall-minuti 18-4-13, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li l-ġebel tal-gallariji kollha huma marbuta u kull periklu li jaqaw ġie eliminat, filwaqt li sar ix-xogħol ta' issiġillar biex ma'jidħolx ilma minn mad-dawra tal-bejt, katusi u *membraine* tal-gallariji ta'fuq.

19.4.14 B'referenza għall-minuti 18.4.14 Is-Sur Charles Selvaggi xtaq jistaqsi biex jifhem aħjar jekk pjazza Victor Denaro hux se jsiru strutturi ta' bandli barra l-*gym equipment* u jekk forsi hemmx pjanat li ssir mill-proġett tal-iskola.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet il-kunsill għad rrid jara x jista' ssir fil-ġnien iżda li l-proġett tal-iskola mhux se jmiss il-pjazza. Hawn kompliet tgħarraf lill-kunsilliera preżenti li sal-ġurnata waslet stima waħda b'prezzijiet differenti għall dawk l-strutturi li jista' jkun hemm bżonn jinbidlu fil-bandli tal-Imsida jew tas-Swatar.
Is-Sur Nicholas Chircop qal li ra xi strutturi oħra fuq x katalgi għal-bandli tas-Swatar iżda għandu bżonn il-qies taz-zona.
Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġġerixxa biex apparti il-qisien ssir wkoll kuntatt mal-aġenti differenti biex jkun speċifikat sew dak li jixtieq il-Kunsill. Dan minħabba raġuni li ħafna mill-istrutturi fuq il-katalgu jistgħu ma jkunux fl'*stock* u l-aġent jordna minn barra. Affarijiet oħra għall-kunsiderazzjoni huma f'kas ta'ħsara jekk jkun hemm bżonn u ma jkunx hemm *spare parts* jew min jagħmel manutenzjoni fuqhom.

19.4.15 B'referenza għall-minuti 18.4.16 dwar il-kalendarju 2021,is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li ntalab il-kunsens tal-ġenituri u ttieħdu ir-ritratti għal-kalendarju b'logħob tradizzjonali antik u tfal qed jilgħabu.

Is-Sur Jean Claude Borg spjega li dan qiegħed fl-ahhar korrezzjonijiet qabel jiġi stampat filwaqt li s-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiret kopja ta'kif ġej.

Il-kunsilliera ddiskutew kif dan għandu jitqassam u qablu unanimament li jintalbu għaqdiet lokali biex jieħdu ħsieb kif sar fi-snin preċedenti.

19.4.16 B'referenza għall-minuti 18.4.17,dwar il-ħsara kawżat mill-ilma fil-bankini ta'Triq il-Baċir, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li sar ix-xogħol fuqhom

Is-Sur Emanuel Brincat qal li xtaq jirringrazzja lill-perit tal-I.M inkarigat li ħa ħsieb jibgħat lill kuntrattur biex titranġa.
Is-Sur Maurice Agius qal hemm bżonn tingħata attenzjoni lill *culvert* għax kif huwa mgħotti bil-pjanċa meta ma'jilħaqx mal-ilma dan flok jitla għall wiċċ it-triq qed jinfirex taħt u jikkawża ħsara.

19.4.17 B'referenza għall-minuti 18-5-01 dwar il-pożizzjoni vakanti *back to back* ,Is-Sur Charles Selvaggi qal li l-impjegati tal-kunsill ilha numru ta'snin nieqsa għax sekondata ma'dipartiment tal-Gvern u staqsa jekk fil-fatt din tistghax terġa tiġi lura mal-kunsill.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li sakemm ma jinbidlux ir-regolamenti din għadha impjegata mal-kunsill.

19.4.18 B'referenza għall-minuti 18-5-05, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li kiteb lir-Regjun Ċentru dwar il-proposta għall-purċissjoni annwali b'tfal tal-iskola fejn dan approva li s-sett tal-vari jkunu ordnati b'ftehim matul perjodu ta'żmien.
Is-Sur Jean Claude Borg poġġa fuq il-mejda kopja ta'disinn għall-bradella jew bankun b'erba' forċina u żewġt lasta tal -fagu stmati €350 u €390 rispettivament inkluż il-VAT.
Is-Sindku pproponiet biex nibdew bl-ewwel ordni għas-sett u nixtru r-Redentur

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw id-disinn u l-ewwel ordni unanimament.

19.4.19 B'referenza għall-minuti 18-5-06 dwar l-attività annwali tal-*Fun run* , Is-Sur Nicholas Joseph Chircop qal li ma' waslet l-ebda kommunikazzjoni u jidher li din mhux se ssir.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata ma'
kienx hemm korrispondenza relatata iżda skond id-direttivi kurrenti dawn mhux se jkunu possibbli.
Is-Sur Charles Selvaggi qal li jidhirlu li sema li l'attivitajiet kollha tal-President sa l-ahhar tas-sena ġew mħassra.

19.4.20 B'referenza għall-minuti 18-5-07 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li beda ix-xogħol ta'żbir mal-Imsida u Swatar.
Is-Sur Alfred Farrugia ta'dettalji ta' fejn wasal ix-xogħol.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk jistax ssir xi haġa fuq il-*planters* li hemm go Triq D'Argen għax vojta u qed jintużaw flok bin.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li aħjar jinbidlu ma'*planters* aħjar għax huma koroh.
Is-Sur Maurice Agius ssuġġerixxa biex jitpoġġew fi Triq Xatt l-Imsida għax qed jitilgħu il-karozzi fuq il-bankina.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li dawn mhux addattati għalhekk u xorta se jservu ta'*bin* .
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn l-*planters* xorta se jkun hemm bżonn jiċċaqalqu għax se jkun hemm zona ta'kostruzzjoni. Hawn kompla jispjega b'referenza għall-minuti 17.3.06 li mhux kemm taqbad u tmexxi x'mkien ieħor għax xorta trid tapplika ma' TM.
Il-kunsilliera preżenti qablu li dawn il-*planters* jiġu żarmati.

19.4.21 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar xi ħsara li hemm fil-bankina go Triq Robert Naudi k/m ma Triq Mons Dandria u staqsa jekk din setgħetx saret minħabba xogħol ta'żvilupp li sar fit-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li jiddependi x'tip ta' żvilupp seghta kien hemm. Hawn spjega li meta żvilupp jkun lest l-iżviluppatur japplika biex tinħeles il-garanzija mill-PA u il-proċedura tal-kunsill hi li jmur jivverifika l-istat tal-bankina fuq il-post qabel ma'jiffirma. Iżda sa fejn huwa jaf, sal-ġurnata ma' kienx hemm talba biex tinħeles xi garanzija fuq il-post indikat.

**19.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

19.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar PA/07907/20 fejn spjegat li dan huwa proġett mdaqqas fil- konfini bejn l-Imsida, Santa Venera u B'Kara.

Is-Sur Emanuel Brincat spjega f'hiex jikkonsisti il-proġett u ppropona li l-Kunsill għandu jikkonsulta mal-Perit biex jekk jkun hemm bżonn ssir oġġezzjoni.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

19.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda tlett skemi ġodda mmnedija mir-Regjun Ċentru dwar €5000 fondi għall tqassim ta' maskli għall-Covid 19, €3000 għall proġetti żgħar u €2000 għall proġett ieħor *ta'spinning photos* .
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li jinxtraw il-maskli għall aktar prezz vantaġġuż , jinbidel il-ħġieġ eżistenti tal-fanali ornamentali ma' ieħor aktar trasparenti li jippermetti għall aktar dawl u li ssiru proposti biex jintgħażel sit ideali għall *spinning photos* .

19.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda talba mill-kumissjoni żagħżagħ banda Melita San Guzepp biex il-kunsill minħabba l-inċertezza tal-ftuħ tal-każin jassisti billi jilqa' għandu rigali tal-Milied mill-ġenituri għat-tfal.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew li filwaqt li qed japprovaw unanimament it-talba dawn għandhom jitpoġġew go post fil-kunsill li jkun msakkra u b'mod li jkunu osservati dawk il-prekawzjonijiet ta'prevenzjoni għall-Covid 19 kif stabbiliti mill-Kunsill

19.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda proposta biex il-kunsilliera preżenti jikkunsidraw li Triq Censu Farrugia ssir *one way* fejn spjegat li l-wiesgħa ta' triq ma tippermettix li traffiku jgħaddi minn żewġt direzzjonijiet għax qed jkun hemm problemi fejn ħadd ma jċedi biex jgħaddu il-karozzi

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hux se ssir Konsultazzjoni pubblika.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li filwaqt li jistgħu ssiru konsultazzjonijiet, it-triq ma tistax tibqa *two way* sakemm jibqa' l-parkeġġ eżistenti fuq kull naħa ta'triq.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament li l-kunsill l-ewwel jipproponi u japplika ma'TM biex din ssir *one way.*

19.5.05 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar talba minn żviluppaturi go Triq C.Broktdorf lil Transport Malta bħala regolatur biex ssir *traffic management* temporanju għall-akkomodazzjoni ta'*tower crane* u miżuri għas-sigurtà sakemm jkun lest il-proġett. Hawn kompla jispjega li TM qed tagħmel numru ta'mistoqsijiet u suġġerimenti filwaqt li l-iżviluppatur qed jikkonforma.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li ma jkunx hemm oġġezzjoni sakemm l-iżviluppatur ikun konformi mal-kundizzjonijiet ta'TM bħala regolatur ,

19.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-proposta ta' *traffic management* għall sistema *one way* minn Triq Sant'Andrija l-isfel sa Triq Mons Innoċenz Zammit k/m Triq Dijonisju Famucelli biex imbagħad jdur għal triq it-Torri u joħroġ minn Triq Dun Karm. Hawn kompliet tispjega li minkejja tnejn oġġezzjonaw filwaqt li l-maġġoranza ta'residenti fiz-zona konċernata kienu favur. Għalhekk qed tipproponi li kif din kienet ġa approvata minn TM u ġiet temporanjament sospiża l-kunsill għandu jitlob biex din tkun implimentata.

Is-Sur Emanuel Brincat s-sekonda u l-kunsilliera preżenti wara qablu unanimament

19.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill Kunsilliera preżenti li grupp ta'żagħżagħ f'ħdan l-Agenzija appoġġ offrew kor tal-Milied biex iferraħ lill anzjani u kull ma qed jitolbu huwa li l-kunsill jipprovdi sistema tal-P.A.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.

19.5.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill Kunsilliera preżenti dwar żewġt offerti differenti biex jkun hemm spirtu tal milied fit-toroq tal-Imsida b'ħlas u spjegat id-dettalji.
Is-Sur Jean Claude Borg qal li għalkemm jaqbel mal-prinċipju biex tinħoloq atmosfera fit-toroq tal-Imsida fejn għaqda lokali tista' taħdem fuq attività simili għall-Milied u staqsa jekk il-Kunsill jistax jara jekk hemmx xi għaqdiet lokali biex jagħmlu dan u jekk hemm bżonn jiġi mżejjen il-Van tal-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-Van tal-kunsill mhux addattat jew f'kundizzjoni biex jintuża għall dan l-skop fejn kompla jispjega li meta kien hemm bżonn dan kien offrut b'xufier għax mhux assigurat jekk ix-xufier ma' jkunx relatat b'impjieg mal-kunsill.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li jekk jkun hemm xi għaqda li tista' toffri alternattiva biex tagħmel attività simili din għanda tkun kunsidrata.

19.5.09 Is-Sur Jean Claude Borg talab lill kunsill biex jikkunsidra li d- dawl tal-Milied jixgħel fl-1 minflok is-6 ta'Diċembru biex tinħoloq atmosfera aktar kmieni fit-toroq

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li jekk il-kuntrattur ikun lest dan jista' jixgħel fl- 1 ta'Diċembru

19.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill Kunsilliera preżenti li tkellmet mal-*Madam* tal-iskola primarja Msida dwar possibilità li ssir kompetizzjoni għall disinn ta'kartolina b'tema tal-Imsida fejn dawn wara jkunu pubblikati go ktejjeb apposta.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament

19.5.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill Kunsilliera preżenti li tkellmet mas-Sur Milan Haluska ko-ordinatur għall bosta proġetti pilota minn fondi Erasmus dwar pjan biex jintuża materjal riciklat bħal eżempju sink , tyres jew karetta ma' bosta affarijiet oħrajn biex jkunu riċiklat għal skop ta' użu fil-ġonna fejn qed tipproponi li jsir xogħol go Triq Dun Kalcidon Schembri.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament

19.5.12 Is-Sur Emanuel Brincat għarraf lill kunsilliera preżenti li sema bi skema għall Green Walls li se tkun varata dalwaqt biex jekk hemm bżonn il-Kunsill jaħseb fejn dawn jistgħu ssiru ħalli japplika.

19.5.13 Is-Sinjura Jude Sciberras tkellmet fuq ħsara fid-dawl go Triq Zakkew. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wara bosta drabi li marru kemm il-kuntrattur u tekniċi ta' Enemalta , fl-ahhar ġranet talab biex dawn it-tnejn jiġu fuq il-post flimkien biex il-problema tkun solvuta. Jidher li l-ħsara kienet fil-mekkaniżmu intern li inbidel. Iżda wara jumejn dan reġa' mar u fil-ġurnata ta'ordni lill-kuntrattur biex ssir lanterna ġdida li saret mal-ewwel.

19.5.14 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar *disabled parking* li suppost huwa għall użu ta' min għandu CRPD *blu badge.* Hawn għarraf lill kunsilliera preżenti li waqt li kien go Triq il-Kunzar, persuna li hi residenti fit-triq argumentat miegħu għax dikjarat li dan huwa għal-użu personali tagħha għax ħallset ghalih.Ghalhekk qed jitlob lill kunsill jivverifika ma' din il-persuna.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill kull ma' jista' jagħmel huwa li jitlob verifika minn T.M. li huma l-unika awtorità li tista' tirregola dawn il-permessi.

19.5.15 B'referenza għal-Laqgħa statutorja annwali tal-Komunita',Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li din għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru ta' kull sena kif jitlob l-Att dwar Gvern Lokali. F'din il-laqgħa il-Kunsill jippreżenta l-estimi finanzjarji qabel il-laqgħa li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja 2021.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew l-ahjar mod kif din għanda ssir inkluż b'faċilitajiet online <kif ppropona is-Sur Charles Selvaggi>. Wara bosta kunsiderazzjoni il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li din għanda tkun laqgħa pubblika normali nhar it-Tlieta 15 ta'Diċembru fejn għandhom jittieħdu dawk il-prekawzjonijiet kollha neċessarji skond l-istruzzjonijiet tal-ġurnata mis-settur tas-Saħħa. Wara tkun segwita b'seduta tal-kunsill.

Mizjuda:<kif ppropona is-Sur Charles Selvaggi>

**19.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

19.6.01 B'referenza għall-minuti 15.5.01 u wara li l-kuntrattur li tefa offerta waħdu kien intalab u kkonferma ir-rati oriġinali fil-BOQ's għas-sejħa ta'Tender KLMsd TDR. 3 . 2018 *"General construction works and repairs or upkeep of roads,pavements and water culverts"* .Għalhekk Infetaħ il-proċess għall-evalwazzjoni tat-tender fejn is-Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda ir-rakkomandazzjoni tal-bord għall evalwazzjoni ta' sejħiet pubbliċi biex il-Kunsill japprova din l-offerta.

Is-Sur Emanuel Brincat għarraf lill-kunsilliera preżenti li filwaqt li ntalab mis-Segretarju Eżekuttiv biex jkun membru tal-bord għall-evalwazzjoni ta' sejħiet pubbliċi kif deskritt fil-minuti 2.4.13 bħala kunsillier responsabbli minn natura tax-xogħol għall din is-sejħa. Huwa talab biex jkun eżentat mill-bord għall raġunijiet relatati hekk kif deskritti fil-minuti ta'seduti tal-leġislatura 7 u dik kurrenti.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li bħala kunsillier u membru tal-bord qed jagħmel enfasi biex il-kunsill jitgħallem minn dak li ħareġ fil-verifika u joqgħod attent billi jadotta proċeduri biex jissalvagwardja l-interess tiegħu.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li mill-bidu ta'din il-leġislatura hemm numru ta'proċeduri stabbiliti fejn xogħolijiet, ħtiġijiet u stimi huma kollha diskussi u approvati fil-kunsill. Filwaqt li hemm wkoll proċeduri ġodda ġa implimentati biex xogħol jkun verifikat qabel ma' jkun preżentat għall approvazzjoni ta'ħlas mill-Kunsill.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw ir-rakkomandazzjoni tal-bord għall-evalwazzjoni ta'sejħiet pubbliċi b'7 kunsilliera favur u astensjoni ta' Sur Emanuel Brincat.

19.6.02 B'referenza għall-minuti 18.4.11 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li kien hemm żewġt offerti għat-tieni sejħa ta'tender KLMsd/02/2020 "*Provision of cleaning and upkeep of parks,gardens,urban pots and soft areas"* .Fejn poġġa fuq il-mejda u spjega ir-rakkomandazzjoni tal-bord għall evalwazzjoni ta'sejħiet pubbliċi biex il-kunsill japprova l-orħos offerta li tissodisfa il-kriterji kollha mitluba
l-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-bord għall-evalwazzjoni ta'sejħiet pubbliċi

**19.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

19.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-18 ta' ħlasijiet bejn 28 ta'Ottubru 2020 sal-15 ta'Diċembru għall-approvazzjoni tal-Membri.

L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Jean Claude Borg u s-sekondat mis-Sur Sur Emanuel Brincat.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**19.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

19.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:10 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 15 ta'Diċembru 2020 wara l-laqgħa pubblika.

Minuti konfermati, illum 15 ta' Diċembru 2020

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |